**9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 41**

**It-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2021**

Il-Laqgħa numru 41 saret b'mod virtwali u kif ukoll mill-bini Amministrattiv tal-Kunsill fil-25 ta' Ottubru 2021fis-6:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier (skuża ruħu mil-laqgħa fis-8:30pm) |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier (kien preżenti b'mod virtwali) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Michael Mifsud — Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 41.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kinex hemm ittri t'apoloġiji

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**41.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-40 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 41.2.2 Korrezzjonijiet

**41.2.2.1** – Minuti 40.5.4 - il-kelma "kunsill" issir "kunsilli"
**41.2.2.2** – Minuti 40.5.4 - il-kelma "qalbu" issir "qablu"
**41.2.2.3** - Minuta 40.5.6 - il-kelma "vrtieri" issir "veritieri"
**41**.2.2.4 - Minuta 40.6.2 - il-kelma "dawt" issir "dwar"

## 41.3 Punti mqajjma mill-minuti

**41.3.1** Minuta 40.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li saret il-laqgħa mal-*Community Police* fit-30 ta' Settembru 2021 fis-3:30pm ġewwa l-bini tal-Kunsill fejn fl-istess laqgħa ġew diskussi diversi temi.

**41.3.2** Minuta 40.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser jikkomunika mal-LESA sabiex wieħed jara meta ser terġa' tibda r-ronda mill-uffiċċjali tal-LESA minħabba r-rimi ta' skart b'mod illegali.

**41.3.3** Minuta 40.3.5 - Is-Sindku informa lill-membri li l-attività dwar *Car Free Day / Santa Venera in Concert* kienet waħda ta'suċċess u kif ukoll inġabret somma b'risq l-ALS.

**41.3.4** Minuti 40.3.8 – Il-Kunsill qiegħed jistenna risposta mingħand Aġenzija Żgħażagħ sabiex jaraw jekk il-*Health Checks* jistgħux isiru minn hemm ġew. Il-membri ġew infurmati li sa issa ma kienx hemm komunikat lura.

**41.3.5** Minuti 40.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li is-sessjoni taz-*Zumba* saret u talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jagħti informazzjoni lill-membri. Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jispjega l-organizzazjoni tal-attività. Is-Sur Dimech informa lill-membri li għal din la-ttivita' attendew madwar għoxrin persuna. Huwa rrakomanda sabiex dawn jibdew isir sessjonijiet taż-Żumba kull ħmistax. Wara diskussjoni l-membri qablu li dawn is-sessjonijiet jista jibdew isiru jew fiċ-Ċentru Parrokkjali, jew fis-sedja tal-Għaqda Muzikali ta' Santa Venera, jew fis-sedja tal-Scouts jew l-iskola ta' St Elias jew l-iskola ta' St Michael fejn kull sessjoni tkun ta' madwar siegħa.

**41.3.6** Minuta 40.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li nbidlet il-ġurnata ta' meta ser issir il-*Fun Run* tal-President u huwa konfermat li ser issir fil-21 ta' Novembru.

**41.3.7** Minuti 40.4.8 Is-Sindku informa lill-membri li wara li intlaħaq ftehim fejn ir-residenti li jabitaw fit-Trejqa tal-Fleur de Lys u fit-toroq tal-madwar ser ikollhom aċċess billi jippreżentaw il-karta tal-identita' taghhom u b'hekk meta Triq tkun magħluqa minħabba l-iskola jkunu jistgħu xorta waħda jidħlu u joħorġu minn darhom issa ser tibda diskussjoni sabiex residenit li jabitaw fiż-żona ta' Misraħ Santa Venera fejn hemm l-iskola ta' St. Elias ikolhom l-istess aċċess.

Fis-7:30pm is-Sindku talab sospenzzjoni tal-agenda sabiex ikun diskuss punt 41.6.1 u 41.6.2 tal-istess agenda.

**41.6.1 Rapport Finanzjarju sa Ġunju 2021**

Is-Sindku talab lill-Accountant, Is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta’ bejn April u Ġunju 2021.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għar-rendikont finanzjarji u April sa Ġunju 2021 filwaqt li l-membri qablu unanimament

**41.6.2 Risposta għal Management Letter**

Is-Sindku talab lill-Accountant is-Sur Michael Debono sabiex jispjega l-*Management letter*. Is-Sur Debono spjega punt punt tal-*Management letter* u wara diskussjoni fuq il-punti mqajma s-Sindku ppropona l-*Management letter Reply* filwaqt li s-Sur Joe Vella issekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

## 41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**41.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar it-talba li l-Kunsill għamel sabiex il-fondi li kienu approvati sabiex isir proġett fi ġnien Romeo Romano kellu jinbidel minħabba l-fatt li dan il-ġnien issa waqa’ taħt ir-responsabbilta’ tal-Gvern Centrali b’permezz ta’ Ambjent Malta. Il-bdil kien li issa l-istess proġett ser issir fil-binja ta’ Umberto Calosso u minn Norwegian Funds, il-Kunsill Lokali ser ikun qiedgħed jibbenifika madwar €85k.

**41.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li rċieva komunikat minn Infrastructure Malta fejn infurmaw lill-Kunsill li ser isir l-asfaltar ta’ żewġ toroq oħra Triq il-Kononku Bonnici u Triq l-4 ta’ Settembru.

**41.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mir-Reġjun Ċentru dwar skema finanzjarja 4/2021 sabiex jinxtara A.E.D. (Automated External Defibrillator) li jinżamm fil-bini tal-Kunsill u jintbgħat ħaddiem sabiex jingħata t-taħrig. Ir-Reġjun ġab il-kwotazzjonijiet fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand A.T.G. Company Ltd., dan ir-Reġjun ser jirrifondi lura l-ammont ta’ €2,330.50.

## 41.5 Rapporti / Korrispondenza

**41.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mir-Reġjun Ċentru dwar skema finanzjarja 1/2021 sabiex isiru korsijiet ta’ taħriġ lir-residenti fi ħdan il-lokalitjiet tal-Kunsill Reġjonali Ċentru. Minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija f’Malta, dawn il-korsijiet jistgħu jinżammu b’mod virtwali. Kull Kunsill Lokali għandu jara li ssir promozzjoni neċessarja fil-lokalità u jaċċerta li l-applikanti huma kollha residenti fi ħdan il-lokalitajiet tar-Reġjun. Fil-promozzjoni għandu jkun hemm imniżżel li dawn il-korsijiet qed jinżammu permezz tal-fondi mgħotija mill-Kunsill Reġjonali Ċentru. Dawn il-korsijiet ikunu b’xejn għall-applikanti peress li l-ispejjeż relatati ser ikunu kollha ffinanzjati permezz ta’ din l-iskema finanzjarja. L-ispiża ta’ dan il-proġett ser tkun sa massimu ta’ €5,000 kull lokalità.

**41.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar skema finanzjarja 2/2021 dwar servizz ta’ tagħlim fil-mużika mogħtija mill-Kazini tal-baned fejn ser jiġi rimborż sa massimu ta’ €2,000 lil kull għaqda tal-banda. Sabiex il-każin tal-banda tkun tistà tibbenifika minn dawn il-fondi, il-każin trid:

- Tkun tinstab f'wieħed mill-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru;
- Tkun irreġistrata mal-Kunsill Malti għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
- Tiprovdi kopja ta' ċertifikazzjoni mingħand l-uffiċċju tal-OV li l-kotba tal-*accounts* huma aġġornati; u
- Trid ikollha persuna b'ċertifikat ta' l-għalliem b'minimu ta' Grad 6 fil-Mużika.

**41.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar skema finanzjarja 3/2021 dwar skema finanzjarja għal xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied 2021. F'din l-iskema ir-Regjun Ċentru ser ikun qieghed jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 lil kull Kunsill Lokali li jagħmel parti minn Kunsill Reġjonali Ċentru fuq spejjeż ta' xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2021.

Wara diskussjoni l-membri qablu li bħal ma sar fi snin preċedenit jinġabru tlett kwotazzjonijiet u awtomatikament tintgħażel l-irħas kwotazzjoni. It-tiżjin tal-Milied isir fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Misraħ Santa Venera, Triq Ġwann Azzopardi, Misraħ il-Barrieri fil-pjazza quddiem l-Sphinx u Triq Braille.

**41.5.4** Is-Sindku ġab għal attenzjoni cirkulari SPI/SCI/7/2021 li kienet tittratta fuq fond ta manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Wara diskussjoni kien hem qbil sabiex napplikaw għal grawnd ta Maria Assunta peress li dan kien sar dan l-aħħar.

## 41.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 41.6.3 Jum Santa Venera - Nomini

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Kunsuill dwar in-nomini għall-Ġieħ Santa Venera 2021. Id-Deputat Segretarju informa lill-membri li fil-preżenza ta' membri tal-kumitat infetħu n-nominazzjonijiet. Wara li l-Kumitat sar jaf min huma in-nies li ġew nominati għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2021 fejn dawn kienu:

1. Kumitat Festi Esterni (kellu 2 nominazzjonijiet)
2. Is-Sur Joseph Muscat
3. Is-Sur Anthony Mifsud
4. Is-Sur Alex Grech
5. Maestro Joseph Sammut

In-nomini mhux kollha kienu validi skont dak li hu ndikat fil-linji gwida. Infatti waħda minn nominazzjonijiet tal-Kumitat Festi Esterni ġiet skwalifikata minħabba li ma tilhaqx il-kriterji tal-linji gwida skont *Ariklu 7.1.2 Kull nominazzjoni trid tkun iffirmata mill-proponent u minn erba' (4) persuni sekondanti skont kif jidher fil-formola tan-nominazzjoni*

Il-motivazzjoni ta' kull nomina nqrat u ġiet analizzata u diskussa mill-membri tal-Kumitat abbażi ta' artikli 4.0 u 5.0 tal-istess linji gwida. Dan wassal sabiex in-nominanti jiġu kklassifikati f'klassifika skont il-motivazzjonijiet li kitbu l-proponenti li huma responsabbli tal-kontenut tal-formola skont kif indikat fil-linji gwida (sub artiklu 7.1.6.1) u mill-persuni sekondanti.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni fuq in-nominati kollha, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sur Anthony Mifsud kienet tikklassifika ferm fuq quddiem fost in-nomini li kien hemm u ghaldaqstant unanimamnet qablu li s-Sur Mifsud jingħata Ġieħ Santa Venera 2021.

Wara bdiet id-diskussjoni fuq min għandu jingħata Mertu Santa Venera 2021. Wara li ġew evalwati in-nomini il-membri unanimament qablu li dan għandu jingħata lill-Kumitat Festi Esterni.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali Santa Venera li Ġieħ Santa Venera 2019 jingħata lis-Sur Anthony Mifsud u Mertu Santa Venera 2021 jingħata lill-Kumitat Festi Esterni

Wara diskussjoni l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Tqamet id-diskussjoni sabiex inkomplu fuq dak li bdejna konna s-sena l-oħra fejn għandna ukoll nirrikonoxxu lil dawk il-persuni li jkunu iddistingwew ruħom matul dik is-sena partikolari. Għal da nil-għan ġew innominati:

1. Romina Frendo
2. Yulan Law
3. Residenti minn Triq Dun Alfred Gatt
4. Alfred Mizzi
5. James Azzopardi

Is-Sindku informa lill-membri li f'Jum Santa Venera ser tkun qed tiġi ċċelebrata b'quddies fis-6:00pm ġewwa l-Knisja l-Qadima u wara ssir il-preżentazzjoni tal-Gieħ u Mertu Santa Venera. Dawn ser isiru fis-sala tal-Kulleġġ ta' St. Elias.

Il-ħin tal-laqgħa kien skada u għaldaqstant il-membri qablu b'mod unanimu sabiex il-laqgħa titkompla l-Ħamis 28 t'Ottubru 2021 fl-4:00pm.

Il-Membri qablu unanimament.

## 41.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:30pm u ġiet aġġornata sabiex titkompla l-Ħamis 28 t' Ottubru 2021, fl-4.00pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 22 ta' November, 2021